22002D0040

13.6.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 154/27

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 40/2002

## tad-19 ta' April 2002

## li temenda L-Anness XX (Ambjent) taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li ikkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 9/2002 ta' 1 ta' Frar 2002 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/573/KE tat-23 ta' Lulju 2001 li temenda id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE f'dak li jirrigwardja il-lista ta' skart ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan l-inċiż li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 32aa (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE) ta' l-Anness XX tal-Ftehim:

"– **32001 D 0573**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/573/KE tal-21 ta' Lulju 2001 (ĠU L 203, tat-28.7.2001, p. 18)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2000/573/KE fil-lingwi Islandiż u Norveġiż, li għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' April 2002, basta li n-notifiki kollha permezz ta' l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru mill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' April 2002.

*Għall-Kumitat Konġunt ŻEE*

*Il-President*

P. WESTERLUND

---

([1]) ĠU L 88, ta' l-4.4.2002, p. 20.
([2]) ĠU L 203, tat-28.7.2001, p. 18.
(*) L-ebda ħtiġiet konstituzzjonali m'huma indikati.